# Il-Wieħed u Għoxrin Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

*Inqiegħed fuq spallejh il-muftieħ tad-dar ta' David.*

Is 22, 19-23

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija**

Dan jgħid il-Mulej lil Sebna, dak li jieħu ħsieb il-palazz tas-sultan:
19 «Inwarrbek minn postok,
u nneħħik minn fejn qiegħed.

20 Dakinhar insejjaħ lill-qaddej tiegħi
Eljakim, bin Ħilkija,
21 inlibbsu l-libsa tiegħek,
u nħażżmu bit-terħa tiegħek,
u nagħtih f'idejh il-ħakma tiegħek.
U jkun missier għal min jgħammar f'Ġerusalemm,
u għad-dar ta' Ġuda.

22 Inqiegħed muftieħ dar David fuq spallejh.
Jiftaħ hu, u ħadd ma jagħlaq;
jagħlaq hu, u ħadd ma jiftaħ.
23 U nwaħħlu bħal musmar ma' ħajt fis-sod,
u jkun tron glorjuż għal dar missieru.»

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 137 (138), 1-2a.2bc-3.6.8bc

R/. (8b): It-tjieba tiegħek, Mulej, tibqa' għal dejjem

[1]Irroddlok ħajr, Mulej, b'qalbi kollha,
għaliex int smajt kliem fommi.
Quddiem l-allat irrid ngħannilek.
[2]B'wiċċi fl-art ninxteħet
quddiem is-santwarju tiegħek. R/.

[2]Irroddlok ħajr għat-tjieba u l-fedeltà tiegħek,
għax int kabbart ismek u kelmtek fuq kollox.
[3]Meta sejjaħtlek, int weġibtni,
kattarli l-qawwa f'ruħi. R/.

[6]Kbir il-Mulej, imma jieħu ħsieb iż-żgħar;
u, għalkemm fl-għoli, jagħraf mill-bogħod.
[8]Il-Mulej iżomm kelmtu miegħi.
It-tjieba tiegħek, Mulej, tibqa' għal dejjem. R/.

# Qari II

*Kollox ġej minnu, kollox permezz tiegħu, kollox għalih.*

Rum 11, 33-36

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani**

Ħuti, 33kemm huma kbar l-għana, l-għerf u l-għaqal ta' Alla! Kemm tassew ħadd ma jista' jgħarbel il-ġudizzju tiegħu u jifhem it-triqat tiegħu!

34Għax min qatt għaraf moħħ il-Mulej?
Min qatt kien il-kunsillier tiegħu?
35Min qatt tah l-ewwel biex jistħoqqlu l-ħlas?

36Kollox ġej minnu, kollox permezz tiegħu, kollox għalih.
Lilu l-glorja għal dejjem ta' dejjem. Amen!

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Mt 16, 18

Hallelujah. R/. Hallelujah
Inti Pietru, u fuq din il-blata jiena nibni l-Knisja tiegħi,
u s-setgħat ta' l-infern ma jegħlbuhiex.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

*Inti Pietru: jiena nagħtik l-imfietaħ tas-Saltna tas-Smewwiet.*

Mt 16, 13-20

## Qari mill-Evanġelju skond San Mattew

F'dak iż-żmien, [13]meta wasal fl-inħawi ta' Ċesarija ta' Filippu, Ġesù
staqsa lid-dixxipli tiegħu u qalilhom: «Min jgħidu n-nies li hu Bin
il-bniedem?» [14]U huma weġbuh: «Xi wħud, Ġwanni l-Battista;
oħrajn, Elija; u oħrajn, Ġeremija jew wieħed mill-profeti.»

[15]«Imma intom min tgħidu li jien?» staqsiehom. [16]U qabeż Xmun
Pietru u qallu: «Inti l-Messija, Bin Alla l-ħaj.» [17]U Ġesù wieġbu u
qallu: «Hieni int, Xmun bin Ġona, għax mhux bniedem tad-demm
u l-laħam uriek dan, imma Missieri li hu fis-smewwiet. [18]U jiena
ngħidlek: Inti Pietru, u fuq din il-blata jiena nibni l-Knisja tiegħi,
u s-setgħat ta' l-infern ma jegħlbuhiex. [19]Jiena nagħtik l-imfietaħ
tas-Saltna tas-Smewwiet, u kull ma torbot fuq l-art ikun marbut
fis-smewwiet, u kull ma tħoll fuq l-art ikun maħlul fis-smewwiet.»

[20]Imbagħad lid-dixxipli tiegħu wissiehom biex ma jitkellmu ma' ħadd
fuq li huwa l-Messija.

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Tifħir lilek Kristu